30 NOV 2023

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## IT-TMINN LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 585**

**It-Tlieta 31 ta' Ottubru 2023**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' b'mod virtwali permezz ta' *Microsoft Teams*, fis-6.05 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Jorge Grech – Sindku
Bernice Farrugia - Viċi Sindku
Mark Grech – Kunsillier
Angelo Scicluna – Kunsillier
Angel Gwyn Louisielle Camilleri - Kunsilliera
Anna Calleja - Kunsilliera
Joseph Agius - Kunsillier
Patrick Barbara - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI**

Joseph Buttigieg – Kunsillier
Joseph Vella – Kunsillier
Ghislaine Bongailas Zahra - Kunsilliera

**ASSENTI**

Ma kien hemm ħadd assenti.

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Stephanie Testaferrata de Noto – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku ppresieda l-laqgħa.

**585.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

585.1.1 Inqraw ittri ta' apoloġija mibgħuta mis-Sur Joseph Buttigieg u mis-Sinjura Ghislaine Bongailas Zahra fejn talbu li jkunu skużati milli jattendu għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Joseph Buttigieg u s-Sinjura Ghislaine Bongailas Zahra jkunu skużati.

**585.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti**

585.2.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-minuti tal-584 laqgħa tal-Kunsill ġew unanimament approvati.

**585.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

585.3.1 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li kien inbeda x-xogħol ta' kostruzzjoni mill-Gvern Ċentrali fi Triq il-Kbira minn naħa ta' Triq Bormla u spjega li x-xogħlijiet kienu ser jinqasmu f'fażijiet differenti. Is-Sindku qal illi Infrastruttura Malta kienu għadhom għaddejjin bix-xogħlijiet fil-*junction* ta' Triq tal-Labour, Triq il-Kunsill tal-Ewropa u Triq Bieb is-Sultan. Is-Sindku qal ukoll illi l-Kunsill kien għaddej bl-installazzjoni ta' fanali ġodda fiż-żona tal-*Housing Estate* permezz tal-ħaddiema tar-Reġjun Port.

585.3.2 Is-Sindku tkellem dwar il-*coffee morning* li ġie organizzat fil-25 t'Ottubru u ta spjegazzjoni dwar id-dħul u l-infieq relatat ma' din l-attività. Is-Sinjura Anna Calleja qalet li l-avveniment tal-*coffee morning* kien suċċess u li l-parteċipanti ħadu gost.

**585.4 Approvazzjoni tal-minuti tas-Sotto Kumitat**

585.4.1 Ma kienx hemm minuti tas-Sotto Kumitat.

**585.5 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

585.5.1 Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn id-29 ta' Settembru u l-31 t'Ottubru 2023 li kienet tammonta għal €121,674.40.

**585.6 Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju Jannar - Settembru 2023**

585.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill ir-Rapport Finanzjarju għall-perjodu Jannar – Settembru 2023. Fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill approva unanimament ir-Rapport Finanzjarju għall-perjodu Jannar – Settembru 2023.

**585.7 Laqgħa għal-Lokalità**

585.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi skont l-Artiklu 70 tal-Att dwar Gvern Lokali trid issir laqgħa pubblika sabiex jiġi diskuss l-estimi annwali. Is-Sindku ppropona li l-laqgħa issir nhar it-Tlieta 5 ta' Diċembru, 2023. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa annwali ssir fil-5 ta' Diċembru, 2023 fis-6.00 ta' filgħaxija fis-Sala tal-Kunsill Lokali.

585.7.2 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret lill-membri preżenti sabiex jibgħatu r-rapport ta' ħidma tagħhom għas-sena 2023.

**585.8 Attivitajiet tal-Milied**

585.8.1 Is-Sindku talab l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex fid-9 ta' Diċembru, 2023 tiġi organizzata attività tal-Milied fil-lokalità. Is-Sindku qal illi kien ser iressaq il-programm komplut flimkien mal-ispiża u l-finanzjament ta' din l-attività matul il-laqgħa li jmiss. Parti minn din l-attività kienet ser tiġi ffinanzjata minn skema tar-Reġjun Port. Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet x'tip ta' attività kienet ser tiġi organizzata. Is-Sindku qal illi hemm pjan ta' programm varjat li jinkludi fost affarijiet oħra, il-parteċipazzjoni tal-baned, mużika u ikel. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li jorganizza attività tal-Milied fid-9 ta' Diċembru, 2023.

**585.9 Dar Sagra Familja**

585.9.1 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li l-*Memorandum of Understanding* kien għadu qed jiġi ppreparat. Is-Sindku spjega li kif jitlesta d-dokument notarili, kien ser jgħaddih għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

**585.10 Deċiżjoni /Aġġudikazzjoni ta' offerti**

- **Offerti għas-servizz ta' *works manager – project co-ordinator* (ZLC 9/2019)**

585.10.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi l-kuntratt għas-servizz ta' *works manager – project co-ordinator* (ZLC 9/2019) li l-Kunsill għandu mas-Sur Nathaniel Sammut ser jiskadi fil-15 t' April 2024 u billi dan il-kuntratt ma jistax jiġi mġedded trid tinħareġ sejħa ġdida għall-offerti għal dan is-servizz. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li tinħareġ sejħa ġdida għall-offerti.

- **Offerti għall-provvista t'apparat tat-triq u żebgħa għall-marki tat-toroq (ZLC 10/2019)**

585.10.2 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi l-kuntratt għall-provvista t'apparat tat-triq u żebgħa għall-marki tat-toroq (ZLC 10/2019) li l-Kunsill għandu mal-Koperattiva Tabelli u Sinjali tat-Traffiku ser jiskadi fit-12 t' April 2024 u billi dan il-kuntratt

ma jistax jiġi mġedded trid tinħareġ sejħa ġdida għall-offerti għal dan is-servizz. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li tinħareġ sejħa ġdida għall-offerti.

**585.11 Ittri legali**

585.11.1 Ma kienx hemm ittri legali.

**585.12 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

585.12.1 Is-Sinjura Anna Calleja talbet li ssir *slow sign* fi Triq San Ġużepp qabel ma tidħol għal Triq Ħadd in-Nies, fid-direzzjoni ta' Ħaż-Żabbar.

585.12.2 Fuq proposta tas-Sur Angelo Scicluna li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li bil-kollaborazzjoni ma' St Patrick FC jiġi ppubblikat kalendarju għas-sena 2023 liema spiża tammonta għal €1,575 VAT inkluż.

585.12.3 Is-Sur Joseph Agius talab li jitnaddfu l-*culverts* tal-ilma tax-xita li saru fi Triq Ġużeppi Pace. Is-Sindku qal illi dawn il-*culverts* kienu ser jitnaddfu fil-jiem li ġejjin. Is-Sur Joseph Agius ressaq ilment li rċieva mingħand ir-residenti li joqgħodu fi Triq Ġużeppi Pace u qal li kien hemm xi wħud li qed iressqu l-qsari li tpoġġew f'din il-pjazza u qed jipparkjaw il-vetturi tagħhom bil-konsegwenza li jiżgumbraw l-aċċess lir-residenti.

585.12.4 Is-Sur Joseph Agius qal illi fil-kamra li hemm taħt il-venda kien hemm *leakage* tal-ilma. Is-Sindku qal illi din il-ħsara issewwiet mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma fil-jiem li għaddew. Is-Sindku żied jgħid li fil-futur viċin mistenni jsir xogħol ta' manutenzjoni f'din il-kamra minħabba li kien hemm nuqqas ta' ventilazzjoni.

585.12.5 Is-Sur Joseph Agius semma l-ħtieġa li jinżabru s-siġar li hemm fi Triq in-Naħla.

585.12.6 Is-Sur Joseph Agius qal li l-Uffiċċju tal-Pulizija kienu irrimarkaw li ma ġewx notifikati mill-Kunsill dwar l-attività li saret ta' *Halloween*. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill jitlob in-*no objection* tal-pulizija. Is-Sur Angelo Scicluna qal illi fil-ħamsa ta' wara nofsinhar kien hemm l-uffiċjali tal-LESA jidderieġu t-traffiku.

585.12.7 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill il-*performance report* tal-ħaddiema tal-*Community Workers Scheme Enterprise Foundation* għas-sena 2023 għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li japprova l-*performance report.*

**585.13 Mozzjonijiet**

- – Mozzjoni Nru 1 /2023 Installazzjoni ta' *bollards*

585.13.1 Is-Sur Mark Grech qal illi wara inċident tat-traffiku li sar fi Triq tal-Labour ħass il-ħtieġa li jressaq mozzjoni sabiex il-Kunsill jitlob lil Transport Malta tinstalla sett ta' *bollards* tal-plastik fin-nofs ta' Triq tal-Labour quddiem stabbiliment li jbiegħ is-sapun u li l-Kunsill jitlob permess lil Transport Malta biex hu stess jinstalla' sett ta' *bollards* tal-plastik fi Triq Alessio Erardi quddiem stabbilimenti li jbiegħu affarijiet tal-bżonn ta' kuljum. Is-Sindku talab lill-membri preżenti sabiex iressqu l-kummenti tagħhom. Is-Sur Mark Grech żied jgħid li l-klijenti kienu qed jipparkjaw *double parking* sabiex jgħabbu x-xirja tagħhom fil-karozza u enfasizza li din il-kwistjoni kienet qed twassal għal sitwazzjoni perikoluża fejn is-sewwieqa kien qed ikollhom jaqbżu l-karozzi ipparkjati, isuqu fil-karreġġjata opposta u potenzjalment jikkaġunaw inċidenti. Biex tiġi indirizzata din il-problema, is-Sur Mark Grech issuġġerixxa l-installazzjoni ta' *bollards* tal-plastik biex ma jħallux il-karozzi jaqbżu, u b'hekk jiskoraġġixxu l-parkeġġ doppju u tissaħħaħ is-sigurtà fit-toroq. Is-Sur Mark Grech qal illi s-sitwazzjoni hija simili wkoll fi Triq Alessio Erardi.

585.13.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li s-Sur Joseph Vella kien bagħat jinfurmaha li ma kienx ser jilħaq jidħol għal-laqgħa u għaldaqstant talab li jkun skużat. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Aguis, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Joseph Vella jkun skużat.

585.13.3 Il-Viċi Sindku saħqet li din il-problema kienet sfida komuni fit-toroq fejn hemm numru ta' ħwienet u ħeġġet lill-membri preżenti isibu soluzzjoni biex tissaħħaħ is-sigurtà u l-konvenjenza f'postijiet bħal dawn. Filwaqt li qieset l-installazzjoni ta' *bollards* tal-plastik bħala miżura ta' sikurezza, hija saħqet ukoll fuq l-importanza li jiġu esplorati soluzzjonijiet alternattivi, f'każ li l-*bollards* ma jitqiesux bħala l-aktar għażla xierqa. Is-Sur Angelo Scicluna semma l-ħtieġa li tittieħed azzjoni sabiex jiġu evitati inċidenti. Is-Sinjura Anna Calleja qalet hija wkoll kienet taqbel ma' din il-proposta u ssuġġeriet li jsir xi ħaġa fi Triq Villabate minħabba li anke f'din it-triq kien hemm periklu għas-sewwieqa. Is-Sur Joseph Agius qal illi lkoll jaqblu li jiġu evitati id-diżgrazzji u żied jgħid li l-Kunsill għandu jitlob l-opinjoni tal-esperti ta' Transport Malta u ssir konsultazzjoni mar-residenti li joqgħodu f'dawn it-toroq. Is-Sinjura Angel Gwynn Louiselle Camilleri qalet li l-Kunsill irid jistudja s-sitwazzjoni kollha. Il-Kaptan Patrick Barbara qal illi huwa kien jaqbel mal-proposta tas-Sur Mark Grech. Is-Sindku qal illi huwa kien ikkonsulta ma' nies tekniċi minn Transport Malta u nies b'fehmiet differenti. Is-Sindku qal illi l-Kunsill irid jikkonsidra kif inhuma fil-preżent il-marki tal-karreġġjata li hemm fin-nofs tat-triq. Is-Sindku qal li jekk hemm linja bajda kontinwa tindika li s-sewwieqa ma jitħallewx jaqsmu, imma jekk bħal dan il-każ il-linja hija *dotted*, is-sewwieqa jistgħu jaqsmu l-linji *dotted* meta jkunu sikuri biex jagħmlu dan. Is-Sindku spjega li ċirkostanzi bħal dawn il-Kunsill għandu jgħaddihom lir-*Road Safety Management Board* għall-konsultazzjoni. Is-Sindku żied jgħid li jiġi determinat jekk issirx linja bajda kontinwa jew linja *dotted* skont il-wisà tat-triq. F'każ li l-

karreġġjata ma tkunx usa' minn 5.5 metri, issir linja *dotted*. Sabiex tiżdied is-sigurtà fit-triq, is-Sindku ssuġġerixxa li jsiru *speedbumps* spissi bħalma sar fi Triq ix-Xgħajra u fejn hemm il-ħwienet tiġi nstallata CCTV *camera* bil-ħinijiet sabiex isir infurzar u *timed loading/unloading bay*. Il-Viċi Sindku qalet li l-*ispeedbumps* ma jiskoraġġux b'mod effettiv lin-nies milli jipparkjaw ħażin. Is-Sindku ssuġġerixxa li għandha ssir *timed loading/unloading bay* biex tintuża mill-klijenti sabiex jgħabbu x-xirjiet tagħhom u mhux biex tintuża bħala *store* mis-sidien tal-ħwienet. Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li fi Triq tal-Labour kienet ser titjieb l-aċċessibilità għar-ranep. Is-Sindku wera t-tħassib dwar it-tqegħid ta' *bollards* fi Triq Alessio Erardi u rrimarka li f'din it-triq hemm diversi garaxxijiet tal-merkanzija li spiss jintużaw minn vetturi kbar, inkluż karozzi tal-linja u hemm anke *zebra crossings*. Is-Sindku enfasizza li bil-*bollards* f'nofs ta' triq jistgħu potenzjalment jostakolaw id-dħul u l-ħruġ tal-garaxxijiet u spjega li kien hemm toroq sekondarji b'użu simili ta' vetturi kbar u enfasizza l-importanza ta' valutazzjoni komprensiva tat-tqegħid ta' dawn il-*bollards*. Is-Sur Mark Grech qal li fil-mozzjoni ma talabx biex tingħalaq it-triq kollha bil-*bollards* imma quddiem ċertu ħwienet partikolari. Is-Sindku qal illi fi triq minnhom hemm ħames ħwienet li jbiegħu l-affarijiet ta' kuljum. Is-Sur Mark Grech qal li fi Triq tal-Labour kulma hemm bżonn huma madwar għaxar *bollards* biss. Is-Sur Mark Grech qal illi f'każ li l-linja hija bajda bit-tikek, jekk hemm bżonn, il-Kunsill japplika għal-linja kontinwa u jsiru l-*bollards* bħalma sar quddiem il-pompa tal-petrol fi Triq il-Mina ta' Hompesch. Is-Sur Mark Grech żied jgħid li l-Kunsill għandu dritt iressaq it-talba u f'każ li Transport Malta ma taqbilx, tirrifjuta l-applikazzjoni. Is-Sindku qal illi l-Kunsill għandu jikkonsulta mar-residenti li joqgħodu f'din it-triq. Is-Sur Mark Grech talab li jittieħed vot dwar din il-mozzjoni. Il-Viċi Sindku ssuġġeriet li l-Kunsill iressaq it-talba u wara ssir konsultazzjoni mar-residenti. Is-Sindku qal li l-affarijiet ma jsirux hekk. Il-Viċi Sindku rrakkomandat li l-Kunsill jippreżenta l-pjan bħala miżura proattiva f'każ li Transport Malta ma tapprovax il-*bollards* u minflok tissuġġerixxi alternattiva differenti. B'hekk il-Kunsill ikun f'pożizzjoni li jikkonsulta mar-residenti abbażi ta' pjan approvat minn Transport Malta. Is-Sindku qal illi wara li rċieva l-mozzjoni kien ikkonsulta ma' nies tekniċi ta' Transport Malta. Is-Sur Mark Grech qal illi huwa fl-ebda ħin ma talab li l-*bollards* isiru quddiem il-garaxxijiet. Is-Sindku qal illi fejn hemm il-ħwienet hemm il-garaxxijiet li jdaħħlu vetturi kbar. Is-Sur Angelo Scicluna staqsa jekk il-Kunsill għandux dritt iressaq talba lil Transport Malta. Is-Sur Joseph Agius issuġġerixxa li l-Kunsill jimxi differenti u jinforma lil Transport Malta li f'dawn it-toroq kienu qed isiru diversi nċidenti tat-traffiku u jfittex il-parir u rakkomandazzjoni ta' Transport Malta minħabba l-kompetenza tagħhom fil-ġestjoni tat-traffiku. Is-Sindku qal li huwa jaqbel mal-prinċipju li f'dawn iż-żewġ toroq għandu jkun hemm aktar sigurtà imma l-Kunsill għandu jikkonsulta mar-residenti u għandu jitlob il-parir u r-rakkomandazzjonijiet tan-nies tekniċi ta' Transport Malta, tiġi diskussa fil-laqgħa tal-Kunsill u wara tiġi sottomessa l-applikazzjoni. Il-Viċi Sindku qalet li l-Kunsill għandu jitlob lil Transport Malta jinstalla dawn il-*bollards* u f'każ li ma jaċċettawx jissuġġerixxu soluzzjoni huma. Is-Sur Mark Grech talab li l-Kunsill jgħaddi għal vot. Is-Sinjorina Angel Gwynn Louiselle Camilleri ssuġġeriet li jintalab il-parir ta' nies esperti ta' Transport Malta. Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu jitlob ir-

rakomandazzjonijiet ta' sigurtà lill-entitajiet ikkonċernati u l-Kunsill jimxi fuq ir-rakkomandazzjoni tagħhom. Is-Sur Mark Grech ippropona li l-Kunsill jitlob lil Transport Malta jinstalla *bollards* tal-plastik fin-nofs ta' Triq tal-Labour quddiem stabbiliment li jbiegħ is-sapun u li l-Kunsill jitlob permess lil Transport Malta biex hu stess jinstalla' sett ta' *bollards* tal-plastik fi Triq Alessio Erardi quddiem stabbilimenti li jbiegħu affarijiet tal-bżonn ta' kuljum. Is-Sur Angelo Scicluna issekonda l-proposta tas-Sur Mark Grech u din il-proposta għaddiet b'5 voti favur, tnejn kontra u astenzjoni waħda.

**585.14 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

585.14.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Erbgħa 29 ta' Novembru, 2023 fis-6.00 ta' filgħaxija.

585.14.2 Il-laqgħa spiċċat fit-7.55 ta' filgħaxija.

IFFIRMATA

Stephanie Testaferrata de Noto
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fil-587 laqgħa li saret nhar il-Erbgħa 29 ta' Novembru, 2023.

IFFIRMATA

Jorge Grech
Sindku